MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 201/2005

**A**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-23 ta' Gunju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg bejniethom fil-24 ta' Frar 1996, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv li kopja tieghu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A;

Illi l-kunsens tal-konvenut inghata b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ulterjorment il-kunsens tal-konvenut kien ukoll ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghalih illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 19 ta' l-Att Dwar Iz-Zwieg ta' l-1975 (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fil-24 ta' Frar 1996, bhala null u bla effett fil-Ligi, ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut ma ppresentax eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavit tal-attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-24 ta' Frar, 1996 a bazi tal-Artikolu 19 (1)(d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut baqa' kontumacji u ma ressaqx provi u ghalhekk Qorti ghandha quddiemha biss il-provi mressqa mill-attrici, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attrici jidher li hija u l-konvenut iltaqghu meta kienu ghadhom pjuttost zghar. Jidher li l-

konvenut kellu diversi problemi karatterjali izda l-iktar wahda serja kienet li kellu l-vizzju tal-loghob li l-attrici ma kinitx taf bih meta zzewgu. Jidher ukoll li l-partijiet qatt ma fformaw l-intenzjoni li jkollhom tfal. Minn ezami tal-affidavit tal-attrici jidher li t-talba taghha ghandha tigi akkolta.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fit-24 ta' Frar, 1996. L-ispejjes ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------